MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 420/2008

**GO p.l.c. C-22334**

**Vs**

**F.E.V. Electronics Limited C-18794**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija u sitt Euro u wiehed u sittin centezmu (€1,106.61), erba' mija u hamsa u sebghin liri Maltin u seba' centezmi (Lm475.07), rapprezentanti somma ta' bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' zewg servizzi telefonici li jgibu in-numru 21418473 u 418474 (AC 10186326 u AC 10182636) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi mal-kawza :

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10186326 (telefon 21418473)
IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21418473

IZY 3 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10182636 (telefon 418474)
IZY 4 ftehim dwar is-servizz telefoniku 418474

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, mija u sitt Euro u wiehed u sittin centenzmu (€1,106.61), erba’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin u seba’ centezmi (Lm475.07) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------